MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Mandat Numru. 506/2014/1

**Dylan Azzopardi (ID 184293M)**

**vs**

**Peter Zammit (ID 374870M)**

**u martu**

**Sharlot Zammit (ID 366473M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat it-28 ta’ Marzu, 2014;

2. Rat id-digriet preliminari precedentement moghti u datat it-28 ta’ Marzu, 2014;

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-14 t’April, 2014;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi t-talba promotrici originali ghall-hrug tal-mandat in dizamina tista’ sintetikament tigi esposta bil-mod segwenti:

6.1. Illi r-rikorrenti ghandu interess jintavola l-procedura odjerna biex jipprotegi d-drittijiet tieghu;

6.2. Illi biex jaghmel dan qed juza l-procedura odjerna biex izomm lill-intimati milli:

6.2.1. Jiddisponu jew jittrasferixxu taht kwalsiasi titolu, jew jghabbu bi kwalsiasi piz il-fond numru 45, gia 23, *“Old Mill House”,* Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta;

6.2.2. Illi ma l-istess fond hemm inkluz l-arja u l-gnien tal-istess fond;

6.3. Illi dan qed jintalab ghaliex l-intimat hareg kambjala datata l-31 t'Awissu 2013, favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00). li ghadha ma gietx onorata;

6.4. Illi r-rikorrenti ipprezenta ittra ufficjali u kawza fir-rigward;

6.5. Illi tlett (3) ijiem wara l-iffirmar tal-kambjala l-intimati iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni li permezz tieghu l-intimata Antoinette Zammit nee` Farrugia assumiet l-assi kollha;

6.6. Illi ghajr ghall-fond fuq indikat, l-intimat m'ghandux biex jaghmel tajjeb ghall-kreditu in dizamina;

6.7. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jitlob il-hrug tal-mandat t'inibizzjoin *de quo* in tutela tad-drittijiet tieghu;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi minn naha taghhom l-intimati sintetikament isostnu s-segwenti:

7.1. Illi t-talba tar-rikorrenti hi infondata frivola, vessatorja u malizjuza;

7.2. Illi r-rikorrenti gia` intavola zewg (2) rikorsi identici ghall-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni li pero` ma rnexxewx, stante li t-tnejn gew michuda;

7.3. Illi ghalhekk il-vertenza in dizamina hi *res judicata*;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi minn ezami tad-decizjonijiet fuq gia` riferiti, senjatament Rikors Numru 1635/13 u Rikors Numru 1923/13, rispettivament datati d-29 ta’ Novembru, 2013, u l-14 ta’ Marzu, 2014, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi z-zewg proceduri hawn riferiti jirrigwardaw talba ghall-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni intavolata mir-rikorrenti odjern kontra l-intimati odjerni;

8.2. Illi l-mira ta’ l-istess hu l-fond indikat fir-rikors promotur odjern;

8.3. Illi l-kawzali fir-rigward huma l-istess kambjali;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li hawn si tratta ta' *res judicata*;

10. Illi b'hekk il-vertenza naxxenti m'hix effettivament relatata mal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda biss rigurgitazzjoni ta' procedura li gia` tirrizulta li falliet f'zewg (2) okkazjonijiet precedenti;

**DECIDE:**

11.0. Illi ghaldaqstant, stante li jirrizulta li l-procedura odjerna hi *"res judicata"*;

11.1. Takkolji t-talbiet tal-intimati;

11.2. Tiddikjara ghalhekk li qed tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat it-28 ta' Marzu, 2014, billi issa tirrespingi *in toto* ir-rikors promotur;

11.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------